TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 34/11

**Josephine u Silvio Quirolo**

**Vs**

**The Bathline u Daniel Camilleri**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, seba' mija u tlieta u sebgħin ewro (€2,773) rappreżentanti prezz ta' madum ta' kwalita' inferjuri li meta ġie mqiegħed ma ġiex livell.

L-intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi huma xtraw madum għad-dar kollha, bil-kundizzjoni li kien ta' kwalita' 'prima' u meta ġie mqiegħed il-madum ma ġiex livell u kien mibrum. Ir-rikorrenti ippreżentaw ukoll rapport tal-perit Antoine Sapiano, fejn ikkonkluda l-istess, illi l-madum kien *warped.*

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi kienet bidlet il-madum kollu t'isfel u li kien baqa' xi affarijiet żgħar f'postijiet oħrajn u li kienet lesta biex tbiddel.

L-intimat Daniel Camilleri ssottometta illi kull ma kien hemm xi biċċiet żgħar fejn kellu xi brim.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi verament u anke fuq l-ammissjoni stess tal-intimati, li kien hemm ċertu difetti fuq il-madum, pero' jidher li ammont sostanzjali mil-madum ġie rranġat u baqa' ammont li għandu jiġi mibdul.

It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li hemm erbgħin (40) maduma li għandhom jiġu mibdula u rranġati.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa` t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata The Bathline tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata The Bathline.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**